

Brussell, 17 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14203/25

MAMA 247	COHOM 152
MED 77	JAI 1476
CFSP/PESC 1493	MIGR 383
COPS 509	COTER 173
WTO 93	TRANS 477
ENV 1051	EMPL 445
ENER 537	DIGIT 202
ECOFIN 1367	EDUC 390
DEVGEN 182	POLMAR 62

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 17 ta' Ottubru 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: JOIN(2025) 26 final

Suġġett: KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI
II-Patt għall-Mediterran
Baħar Wieħed, Patt Wieħed, Futur Wieħed

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument JOIN(2025) 26 final.

Mehmuż: JOIN(2025) 26 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 16.10.2025
JOIN(2025) 26 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Patt għall-Mediterran
Baħar Wieħed, Patt Wieħed, Futur Wieħed**

1. INTRODUZZJONI

Flimkien, l-Unjoni Ewropea (UE) u s-sħab madwar in-Nofsinhar tal-Mediterran¹, jaqsmu bejniethom spazju ta' opportunitajiet, sfidi u responsabbiltajiet komuni: huwa **l-Ispazju Komuni tal-Mediterran tagħna**. Fi ħdanu, naħdmu fi sħubija għal Mediterran stabbli u prosperu.

Sa mit-twaqqif tal-**Proċess ta' Barċellona**² fl-1995, il-ħolqien ta' żona ta' paċi u prosperità komuni fir-reġjun tal-Mediterran kien għan strateġiku għall-Unjoni Ewropea. Filwaqt li tibni fuq grupp eżistenti ta' istituzzjonijiet u formati għall-kooperazzjoni, **l-Aġenda 2021 għall-Mediterran u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment** (Economic and Investment Plan, EIP)³ tagħha pprovdew spinta ulterjuri, billi mmobilizzaw finanzjament totali tal-UE għall-Viċinat tan-Nofsinhar taħt l-EIP ta' madwar EUR 6 biljun, u b'hekk skattaw madwar EUR 27 biljun f'investimenti għal diversi proġetti ewlenin konkreti.

Il-ħatra tal-ewwel **Kummissarju Ewropew għall-Mediterran** li qatt saret, f'kooperazzjoni mill-qrib mar-**Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà**, tenfasizza l-ambizzjoni tal-UE li żżid u jkollha approċċ aktar iffukat lejn il-Mediterran.

Il-Patt għall-Mediterran ("il-Patt") jirrifletti din l-ambizzjoni strateġika. Irridu nsaħħu din ir-relazzjoni u niksbu **integrazzjoni aktar profonda fi ħdan l-Ispazju Komuni tal-Mediterran**. L-għan tal-Patt huwa li jwassal għal bidla fil-paradigma, li hija meħtieġa biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-sħubija tagħna u biex naħdmu flimkien abbażi tal-prinċipji ta' sjieda konġunta, kokreazzjoni u responsabbiltà konġunta.

Ir-reġjun tal-Mediterran jinsab f'salib it-toroq ta' tliet kontinenti - l-Ewropa, l-Afrika u l-Asja - u huwa pont vitali għas-sħubija ekonomika, l-iskambju kulturali, u d-djalogu bejn dawn ir-reġjuni differenti. Il-kuntest ġeopolitiku globali u reġjonali attwali jitlob relazzjonijiet politiċi aktar mill-qrib u sħubija aktar qawwija. B'mod partikolari, jirbombjaw madwar il-Lvant Nofsani u lil hinn minnu l-effetti tal-gwerra f'Gaza li jwasslu għal aktar insigurtà u instabbiltà. Il-ftehim reċenti dwar it-tmiem tal-kunflitt ta' Gaza huwa pass storiku u joffri opportunità biex Iżrael, il-Palestina u r-reġjun usa' ikunu jistgħu jsawru triq politika kredibbli lejn paċi u sigurtà dejjiema, abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ stati. Filwaqt li l-prijorità immedjata tal-UE hija li tasal f'Gaza għajjnuna umanitarja suffiċjenti, l-UE ser tikkontribwixxi wkoll billi ttipprovi appoġġ għall-governanza u r-riforma tal-Awtorità Palestinjana, finanzjament għar-rikostruzzjoni ta' Gaza, inkluż permezz tat-tlaqqiġ tal-Grupp tad-Donaturi tal-Palestina, u billi ssaħħaħ il-preżenza tal-missjonijiet tal-PSDK tal-UE tagħha.

Il-kunflitti u l-inkwiet reċenti - inkluż fil-Libanu, fis-Sirja, fil-Jemen u fl-Iran - komplew jeskalaw it-tensjonijiet, u kellhom impatt fuq is-sigurtà marittima u l-kummerċ internazzjonali. Ir-reġjun tal-Mediterran qed jiffaċċja wkoll it-theddida ta' effetti konsegwenzjali mill-insigurtà u l-instabbiltà fl-Afrika, speċjalment fir-reġjun ġar tas-Saħel, li huwa ta' importanza strateġika

¹In-Nofsinhar tal-Mediterran jinkludi l-10 sieħeb tal-Viċinat tan-Nofsinhar: L-Alġerija, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, il-Palestina*, is-Sirja u t-Tuneżija.

* Din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonnoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni.

²Id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona u s-sħubija Ewro-Mediterranea | EUR-Lex.

³ JOIN(2021)2.

għall-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għandha wkoll impatt fuq ir-reġjun b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel.

Il-Patt huwa **opportunità biex insawru mill-ġdid ir-relazzjonijiet essenzjali tagħna** u nissottolinjaw l-impenn tagħna għall-paċi, is-sigurtà u l-ordni internazzjonali multilaterali bbażat fuq ir-regoli, filwaqt li nipprovdur **sinjal politiku ċar ta' sħubija** fix-xena globali.

Il-Patt se jstabbilixxi **qafas Prattiku ta' kooperazzjoni** li jgħaqqad impenn politiku qawwi ma' approċċ minn isfel għal fuq permezz tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi konġunti f'oqsma prijoritarji ta' politika ta' interess reċiproku. Dawn l-inizjattivi jistgħu jagħtu riżultati tanġibbli għal persuni ta' kull età, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, in-nisa, in-negozji ż-żgħar u l-intraprendituri. Il-Patt se jippromovi l-kooperazzjoni tal-livelli reġjonali u lokali fl-Ispazju Komuni tal-Mediterran. It-trasformazzjoni soċjali u ekonomika li għaddejjja fir-reġjun toffri opportunità kbira għall-kooperazzjoni li tista' tkun ta' benefiċċju għan-nies. Fl-istess ħin, l-indirizzar tal-isfidi klimatiċi, ambjentali u ta' sigurtà flimkien jista' jgħin biex tinbena u tissaħħaħ aktar ir-reżiljenza tar-reġjun, filwaqt li niffukaw mill-ġdid is-sħubija tagħna fuq l-industriji tal-futur. Il-Patt huwa opportunità biex l-isforzi jiġu diretti lejn oqsma li jista' jkollhom **impatt dejjiemi u trasformattiv** fuq ir-reġjun usa' u madwar id-dinja.

Il-Patt huwa r-riżultat ta' **proċess ta' konsultazzjoni estensiv** mal-10 sieħeb tan-Nofsinhar tal-Mediterran, l-Istati Membri tal-UE, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-pajjiżi ġirien mhux tal-UE, l-aġenziji tan-NU u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra. Minħabba l-kompożizzjoni unika tagħha bħala organizzazzjoni intergovernattiva fejn l-imsieħba kollha tal-UE u tan-Nofsinhar tal-Mediterran huma membri, ġiet involuta mill-qrib **l-Unjoni għall-Mediterran (UgħM)**. **Il-Fondazzjoni Anna Lindh (FAL)** kellha wkoll rwol importanti fil-konsultazzjonijiet.

Saru wkoll konsultazzjonijiet ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw komponenti differenti tas-soċjetà ċivili, inklużi atturi ekonomiċi, kulturali u soċjali, akkademiċi u gruppi ta' riflessjoni. Ingħatat attenzjoni speċjali lid-dimensjoni reġjonali u lokali, anke fid-dawl tal-fatt li dawn se jkun strumentali fl-implimentazzjoni tal-Patt. Iż-żgħażagħ kienu involuti mill-qrib fil-konsultazzjonijiet permezz ta' sensiela ta' avvenimenti, b'mod partikolari permezz tad-**Djalogu Ewro-Mediterranju maż-Żgħażagħ**.

L-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet ġie diskuss bħala parti mil-**laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Viċinat tan-Nofsinhar** tal-14 ta' Lulju 2025, fejn l-10 sieħeb tan-Nofsinhar tal-Mediterran u l-Istati Membri tal-UE kkonfermaw ir-rieda tagħhom li jaħdmu flimkien b'mod prammaticu fuq l-inizjattivi u l-azzjonijiet konkreti tal-Patt futur.

Maż-żmien, il-Patt għandu wkoll il-potenzjal li **jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu lil hinn min-Nofsinhar tal-Mediterran**, filwaqt li jibni fuq sinerġiji ma' inizjattivi oħra tal-UE. Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet ta' interess reċiproku u strateġiku għas-sħab tal-Golf, il-pajjiżi ġirien tal-Afrika sub-Saħarjana, b'mod partikolari l-Mauritania u s-Senegal, it-Turkija kif ukoll is-sħab tal-Balkani tal-Punent u l-Baħar l-Iswed⁴ ser tiġi esplorata u mħeġġa kif xieraq. Ser titkomplu wkoll il-kooperazzjoni mal-**organizzazzjonijiet reġjonali** – l-Unjoni Afrikana, il-Lega tal-Istati Għarab, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf.

⁴ L-approċċ strateġiku tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed, JOIN(2025) 135

Il-Patt se jappoġġa t-tiżiżi ulterjuri tal-**kooperazzjoni trijangolari b'mod partikolari mas-sħab tal-Golf**. Dan huwa ta' rilevanza ewlenija peress li dawn il-pajjiżi jirrappreżentaw pont importanti bejn l-Ewropa, l-Asja u l-Afrika u jista' jkollhom rwol importanti fl-indirizzar tal-isfidi politiċi, ekonomiċi, tal-iżvilupp u umanitarji fin-Nofsinar tal-Mediterran, u b'mod partikolari fil-Lvant Nofsani. Hawnha oqsma ta' prijorità tal-Patt jallinjaw mal-prijoritajiet tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-UE dwar Sħubija strateġika mal-Golf⁵, b'mod partikolari dwar it-tranżizzjoni ekoloġika, il-kummerċ, it-trasport, l-istabbiltà reġjonali u s-sigurtà globali.

2. IT-TLIET PILASTRI TAL-PATT

Il-Patt jimmarka l-bidu ta' proċess, ta' natura miftuħa, u joħloq **qafas Prattiku għall-kooperazzjoni** strutturat madwar tliet pilastri:

- I. **In-Nies: xprun għall-bidla, il-konnessjonijiet u l-innovazzjoni**
- II. **Ekonomiji aktar b'saħħathom, aktar sostenibbli u integrati**
- III. **Sigurtà, tħejjija u ġestjoni tal-migrazzjoni**

It-tliet pilastri huma **marbutin mill-qrib ma' xulxin. Kull wieħed jinkludi grupp inizzjali ta' inizzjattivi ġodda u azzjonabbli**, kif ukoll proposti biex **jiddiedu l-azzjonijiet eżistenti** li jista' jkollhom impatt trasformattiv u jġibu valur miżjud. Il-Patt huwa bbażat fuq **il-prinċipju tal-flessibbiltà**, li se jippermetti parteċipazzjoni varjabbli mis-sħab fl-implimentazzjoni tad-diversi inizzjattivi.

Il-Patt se **jibni fuq** inizzjattivi eżistenti, inkluż il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment, il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, il-Prijoritajiet ta' Sħubija, is-Sħubijiet Strateġiċi u Komprensivi, oqfsa oħra ta' kooperazzjoni reġjonali, kif ukoll l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri⁶.

L-istrumenti finanzjarji rilevanti kollha tal-UE se jiġu mobilizzati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Patt, li huwa allinjat mal-prijoritajiet tal-NDICI-Ewropa Globali⁷, il-Global Gateway u l-Ewropa Globali futura⁸. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE u s-sħab tan-Nofsinar tal-Mediterran se jiġu mfitxija biex jimmassimizzaw l-impatt u s-sinerġiji tal-azzjonijiet. Bl-istess mod, f'approċċ ta' Tim Ewropa, se jintużaw l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri tal-UE, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFI)⁹ u l-finanzjament tas-settur privat, bil-ħsieb li jinħolqu opportunitajiet għan-nies u għan-negozji.

L-UE u s-sħab tan-Nofsinar tal-Mediterran ser jaħdmu biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-libertajiet fundamentali, f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Huma ser jipromwovu fl-istess ħin **l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà**. Dan se jirfed l-implimentazzjoni tal-inizzjattivi u huwa element essenzjali fiż-żamma ta' soċjetà ċivili vibranti u fil-promozzjoni ta' ambjent tan-negozju aktar b'saħħtu u aktar favorevoli.

⁵ JOIN(2022) 13.

⁶ Inkluż il-Pjan Mattei għall-Afrika u l-Proċess ta' Ruma relatat.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/947.

⁸ [Il-baġit tal-UE 2028-2034](#).

⁹ B'mod partikolari l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

I. In-Nies: xprun għall-bidla, il-konnessjonijiet u l-innovazzjoni

L-ispazju Komuni tal-Mediterran jibda bil-poplu tiegħu: huwa spazju kulturali, storiku u uman komuni. Il-konnessjoni bejn in-nies toħloq pontijiet li jrawmu fehim reċiproku u jipprovdu opportunitajiet għat-tkabbir u l-iżvilupp, filwaqt li jgħibu l-istabbiltà u jenfasizzaw il-benefiċċji tal-ħidma flimkien.

Filwaqt li fl-UE, qed niffaċċjaw xejriet demografiċi negattivi minħabba taħlita ta' stennija ta' għomor twil u rati tat-twelid li qed jonqsu, il-parti tan-Nofsinhar tar-reġjun tal-Mediterran qed tiffaċċja pressjonijiet soċjali, ekonomiċi u demografiċi. Bil-Patt, għandna opportunità li ninvestu fl-edukazzjoni, il-ħiliet, il-migrazzjoni ċirkolari u l-għajxien¹⁰. L-edukazzjoni għandha impatt ċar u bil-provi fuq l-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku. Filwaqt li ż-żgħażaġh fin-Nofsinhar tal-Mediterran huma ħerqana li jinvolvu ruħhom **fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali**, rati aktar baxxi ta' gradwazzjoni¹¹, ir-rikonoxximent mhux uniformi tal-kwalifiki u l-mobbiltà limitata kif ukoll l-oportunitajiet ta' impjieg u intraprenditorija jikkostitwixxu ostakli għall-aċċess tagħhom għal impjieg deċenti fis-swieq tax-xogħol nazzjonali, reġjonali u internazzjonali¹².

Billi jinvesti fin-nies, **u jappoġġa l-għażliet tagħhom għat-tagħlim, it-tkabbir u l-mobbiltà**, il-Patt se jgħin biex jissaħħu r-rabtiet kulturali, akkademiċi, soċjali u ekonomiċi li se jagħmlu l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-Nofsinhar tal-Mediterran saħansitra aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.

1.1. L-edukazzjoni għolja, it-taħriġ vokazzjonali, l-iżvilupp tal-ħiliet, ir-riċerka u l-innovazzjoni

F'konformità mal-Unjoni tal-Hiliet¹³, il-Patt se jappoġġa **l-iżvilupp tal-ħiliet u l-aċċess għas-swieq tax-xogħol** permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Il-ħolqien ta' kollaborazzjonijiet mal-istituzzjonijiet u s-settur privat fl-Ispazju Komuni tal-Mediterran se jkollu l-għan li jippożizzjona r-reġjun bħala ċentru għall-edukazzjoni, l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp transnazzjonali, li jkun ta' kontribut għar-reżiljenza u r-rikostruzzjoni. L-universitajiet, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-infrastrutturi tar-riċerka u t-

¹⁰ JRC143548. Id-data turi li, bejn wieħed u ieħor fi tliet deċennji, ir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran se jgħaddi lejn xejriet demografiċi simili għal dawk osservati bħalissa fl-UE. Bħalissa, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fil-parti tan-Nofsinhar tal-Mediterran għandhom proporzjon bejn il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u l-persuni akbar fl-età (aktar minn 65) bejn it-12 u l-15 %. Madankollu, sal-2060, dan il-proporzjon huwa mistenni li jonqos għal madwar 5 %, fit-tliet fuq mil-livelli osservati fl-UE. Dawn il-bidliet se jeħtieġu bidla fil-mudelli tat-tkabbir ekonomiku minn dipendenza fuq forza tax-xogħol li qed tespandi għal enfasi fuq it-tisħiħ tal-produttività tax-xogħol.

¹¹ JRC143548. Il-proporzjon medju gross tal-gradwazzjoni mill-programmi tal-ewwel lawrja (ISCED 6 u 7) fl-edukazzjoni terzjarja għas-6 pajjiż tan-Nofsinhar tal-Mediterran b'data disponibbli huwa ta' 32.7 %, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 44.1 %.

¹² Il-proporzjon tal-popolazzjoni attiva (jiġifieri persuni f'impjieg jew li qed ifittxu impjieg b'mod attiv) għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol huwa inqas minn 50 % fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran, u 30 % biss fil-każ tan-nisa. Dan jitqabbel ma' kważi 75 % fl-UE. Il-proporzjon tal-popolazzjoni attiva għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol 15-65, 2023, Eurostat.

¹³ COM(2025) 90.

teknoloġija, l-industriji, il-fondazzjonijiet u l-atturi kulturali se jkollhom rwol importanti f' dan il-kuntest.

Il-Patt se jibni fuq id-djalogu politiku ta' livell għoli dwar l-edukazzjoni għolja f'livell ministerjali, kif ukoll fuq il-kooperazzjoni b'suċċess mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran taħt Erasmus+, biex jinħoloq ambjent ta' edukazzjoni għolja u żvilupp tal-ħiliet aktar integrat u inklużiv fl-Ispazju Komuni tal-Mediterran, inkluż permezz tat-tnedija tal-**pjattaforma l-għida tal-Mediterran** dwar l-edukazzjoni għolja.

Barra minn hekk, l-isforzi edukattivi jistgħu jibbenefikaw minn ġustizzja interġenerazzjonali li toffri l-opportunità li l-enerġija taż-żgħażaġh tingħaqad mal-esperjenza ta' ġenerazzjonijiet akbar fl-età, u b'hekk id-diversità tal-età tinbidel f'saħħa kondiviża għall-innovazzjoni u l-koeżjoni.

L-edukazzjoni għolja, il-ħiliet, ir-riċerka u l-innovazzjoni

L-inizjattiva se toħloq ambjent aktar integrat u inklużiv għall-edukazzjoni għolja u l-ħiliet, b'mod partikolari permezz ta':

- **It-twaqqif ta' Università tal-Mediterran**, li se tkun istituzzjoni b'kampusijiet fl-Ispazju Komuni tal-Mediterran, bi programmi dwar l-istudji umanistiċi, ix-xjenzi naturali u tekniċi. Din se tibni fuq l-esperjenza tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja fir-reġjun, u tal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, bl-użu u l-ikkomplementar tal-azzjonijiet eżistenti ta' bini tal-kapaċità taħt il-programm Erasmus+. Se tippromwovi l-iskambji tal-persunal u tal-istudenti bejn universitajiet u skejjel tan-negozju magħżula mir-reġjun, b'mod inklużiv, u se jkollha l-għan li tiżviluppa kurrikuli/programmi konġunti, lawrji konġunti, kif ukoll attivitajiet edukattivi oħra, bħal skejjel tas-sajf u mikrokrevenzjali konġunti.
- **It-tisħiħ tal-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal fl-edukazzjoni għolja** taħt il-programm Erasmus+, kif ukoll il-promozzjoni tal-mobbiltà tar-**riċerkaturi** taħt l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie tal-Programm Orizzont Ewropa.
- **L-istabbiliment u l-iżvilupp ulterjuri ta' Ċentri ta' Innovazzjoni u Riċerka**, li jlaqqgħu flimkien l-universitajiet u s-settur privat biex itejbu t-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija, bl-involviment ta' innovaturi, negozji ġodda u investituri.
- **L-istabbiliment ta' Ċentru ta' Diplomazija tax-Xjenza Mediterranja** biex jgħaqqad ix-xjenza u l-politika, u biex iħarreġ persunal diplomatiku u tekniku f'negozjati transfruntiera, tfassil konġunt ta' proġetti, u pariri ta' politika bbażati fuq l-evidenza.
- **L-appoġġ għal programmi ta' mentoraġġ interġenerazzjonali** għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-esperjenza maż-żgħażaġh.

It-tnaqqis tad-distakk bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, minn naħa waħda, u **opportunitajiet ta' impjieg ugwali u deċenti**, min-naħa l-oħra, huwa kruċjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel lejn, u fi ħdan, is-swieq tax-xogħol u tissaħħaħ il-kompetittività. Il-promozzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-indirizzar tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg huma essenzjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ekonomiji u s-soċjetajiet madwar l-

Ispazju Komuni tal-Mediterran. L-espansjoni tal-**perkorsi tal-migrazzjoni tal-ħaddiema** bejn l-UE u n-Nofsinhar tal-Mediterran, inkluż għall-ħaddiema staġjonali, tibqa' ta' importanza kruċjali biex jitqabblu l-offerta u d-domanda fis-swieq tax-xogħol u jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku¹⁴.

It-tnaqqis tad-diskrepanza fil-ħiliet u l-kwalifiki fis-swieq tax-xogħol

L-inizjattiva se jkollha l-għan li tappoġġa t-tranżizzjoni bla xkiel ta' ħaddiema fis-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran lejn swieq tax-xogħol reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Din se tkopri oqsma differenti ta' impjegabbiltà, b'mod partikolari billi:

- **Tkabbar l-ekosistemi eżistenti tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Tekniku u Vokazzjonali (Technical and Vocational Education and Training, TVET)** billi t-taħriġ vokazzjonali jiġi allinjat mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol biex jiġu koperti s-setturi ta' interess reċiproku, inkluż fl-agrikoltura u l-ipproċessar tal-ikel, is-setturi diġitali u kulturali, u t-turiżmu innovattiv.
- **Jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' skemi mmudellati fuq Pjanijiet Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażaġh¹⁵** imfassla għall-kuntesti reġjonali u lokali biex jiġi żgurat li ż-żgħażaġh isibu opportunitajiet fis-swieq tax-xogħol.
- **Jiġi stabbilit MED Skill Tracker** biex jiddokumenta l-ħiliet miksuba mill-benefiċjarji tal-proġetti tal-UE jew tas-sħab. Il-MED Skill Tracker se jiffaċilita r-rikonoxximent u t-trasferibbiltà tal-ħiliet u jsaħħaħ l-opportunitajiet ta' mobbiltà internazzjonali u ċirkolari taħt programmi u inizjattivi eżistenti¹⁶. Dan se jikkontribwixxi għas-Sħubijiet ta' Talent.
- **Jitjiebu l-apprendistati ta' kwalità u mudelli mtejba ta' taġlim ibbażat fuq ix-xogħol**, b'mod partikolari billi tiġi promossa l-parteċipazzjoni tas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran fl-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati.

1.2. Il-kultura, l-isport u t-turiżmu

Il-Mediterran għandu firxa impressjonanti ta' **wirt kulturali u naturali kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli**. B'aktar minn 60 sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO u xena arkitettonika u artistika kontemporanja dinamika¹⁷, ir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran joffri xhieda qawwija tal-għeruw konġunti tagħna u joffri pedament għall-kooperazzjoni futura permezz tal-kultura, it-turiżmu kulturali sostenibbli, inklużi t-tradizzjonijiet alimentari¹⁸, l-edukazzjoni u l-iżvilupp xprunat mill-wirt.

Is-siti u l-istituzzjonijiet kulturali, kif ukoll il-mużewijiet, jenħtieġ li jkunu aktar minn postijiet tal-mostri, li jaġixxu bħala muturi tal-bidla, l-iżvilupp ekonomiku u t-tkabbir

¹⁴ JRC143548. Il-migrazzjoni għandha effett pożittiv għall-benessri tal-pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Mediterran u ttaffi l-persjoni tas-suq tax-xogħol fl-UE. L-istudju fl-UE jirrappreżenta mezz dejjem aktar importanti ta' dħul fis-suq tax-xogħol tal-UE għaċ-ċittadini mill-viċinat tan-Nofsinhar.

¹⁵ [Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa - Il-Kummissjoni Ewropea](#).

¹⁶ Bħal ma huma Erasmus+, Orizzont Ewropa, PRIMA, THAMM+, programmi MPF, Network ta' Konnettività Medusa u bl-appoġġ tal-Osservatorju tal-Ħiliet Mediterranji tal-ETF.

¹⁷ [Ċentru tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO - Lista tal-Patrimonju Dinji](#).

¹⁸ Inkluż permezz tal-estensjoni possibbli tal-proġett [AfrIPI - Kooperazzjoni Internazzjonali](#).

inklużiv, li jkollhom il-potenzjal li jiskattaw ir-riabilitazzjoni u r-rivitalizzazzjoni taż-żoni urbani, kostali u rurali. L-involvement mas-settur pubbliku u privat, kif ukoll mad-donaturi u l-fondazzjonijiet lokali u internazzjonali, huwa kruċjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal tagħhom. Permezz tal-promozzjoni tat-turiżmu sostenibbli u l-immaniġġjar ta' siti storiċi, ir-reġjuni jistgħu jiżguraw li l-wirt tagħhom isir sors dejjiemi ta' benefiċċji ekonomiċi u soċjali. Il-protezzjoni tal-arti, il-wirt kulturali u naturali mis-sakkeġġ u t-traffikar (u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-artisti kontemporanji) jibqgħu oqsma ta' interess reċiproku.

Is-siti ta' wirt kulturali u l-mużewijiet jistgħu jsiru spazji għar-riflessjoni u d-djalogu miftuħa għal varjetà ta' komunitajiet, biex b'hekk jiġu offruti opportunitajiet għar-reżiljenza u l-koeżjoni kulturali **L-arti, il-mużika, il-ħiliet u s-snajja' tradizzjonali u ċ-ċinema għandhom il-kapaċità li jippromwovu l-fehim reċiproku, id-diversità, l-inklużjoni u l-iżvilupp soċjoekonomiku.** Il-Patt se jrawwem azzjonijiet li jinkludu t-tneđija ta' djalogu ta' livell għoli dwar il-kooperazzjoni kulturali, li se jiffoka wkoll fuq il-wirt kulturali.

L-investment fl-isport isaħħaħ il-koeżjoni, jegħleb id-distakki soċjali u jippromwovi l-inklużjoni. Minbarra l-benefiċċji għas-saħħa u dawk ekonomiċi, għandu rwol ewlieni fl-involvement taż-żgħażaġh u fit-trawwim ta' sens ta' appartenenza. L-avvenimenti sportivi importanti li ġejjin¹⁹, li jlaqqgħu flimkien pajjiżi madwar ir-reġjun joffru opportunitajiet promettenti għall-kooperazzjoni reġjonali, il-konnettività sostenibbli u jgħinu fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

L-approfondiment tad-djalogu interreliġjuż jikkontribwixxi għall-fehim reċiproku u l-kooperazzjoni paċifika biex jiġu indirizzati sfidi komuni.

Filwaqt li jibni fuq it-tagħlimiet meħuda minn Erasmus+, Ewropa Kreattiva u Orizzont Ewropa, il-Patt se jesplora toroq biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni li tibni fuq inizjattivi eżistenti tal-UE fil-qasam tar-riċerka, il-kultura, iż-żgħażaġh u l-isport.

Inizjattiva Euro-Med għall-kultura, l-isport u t-turiżmu

L-inizjattiva se trawwem network ta' diversi partijiet ikkonċernati tas-settur pubbliku u privat, is-soċjetà ċivili, il-fondazzjonijiet, l-operaturi turistiċi u l-universitajiet biex jippromwovu l-wirt kulturali u l-industrija kreattiva, it-turiżmu kulturali u l-isport, b'mod partikolari permezz ta':

- **Il-ħarsien u l-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali**
 - **L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ddedikat għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali tal-Mediterran** billi jinġabru flimkien ir-riżorsi pubbliċi u privati.
 - **Il-ħolqien ta' Perkorsi Kulturali Mediterranji** biex jissaħħaħ l-ispazju kulturali kondiviż tal-Mediterran.
 - **L-estensjoni tal-Ispazju Ewropew Komuni tad-Data għall-Wirt Kulturali** għall-imsieħba tan-Nofsinhar tal-Mediterran, bl-objettiv li tiġi avvanzata d-diġitalizzazzjoni u jiġi ppreservat il-wirt kulturali tagħhom.
- **Il-bini ta' pjattaforma diġitali kollaborattiva "CulturIT"** biex tippromwovi t-tlaqqiġ tal-attivitajiet kulturali.

¹⁹ Bħal-Logħob tal-Mediterran u t-Tazza tad-Dinja 2030

- **L-iżgurar tal-parteċipazzjoni f'avvenimenti kulturali ewlenin u t-titjib tar-residenzi għall-artisti u atturi kulturali oħra**, inkluż permezz ta' networks reġjonali għat-talent.
- **L-iżgurar tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet marbuta mal-Kampanja #BeActive u l-Ġimgħa Ewropea tal-Ispport** biex titqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji tal-isport għas-saħħa fiżika u mentali.
- **Il-kollaborazzjoni mal-Logħob tal-Mediterran** biex jiżdied aktar il-profil ta' dan l-avveniment stabbilit, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, biex jiġu promossi l-benefiċċji tal-isport u l-impatt pożittiv tiegħu fil-ġlieda kontra l-isterjotipi u fit-trawwim tal-inklużività.

L.3 Responsabilizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, iż-żgħażaġh u l-komunitajiet lokali

Is-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali għandhom għeruf fondi fir-realtà fil-prattika. Il-ħidma tagħhom - l-appoġġ lill-komunitajiet lokali fit-twassil ta' servizzi soċjali u komunitarji, fis-sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi ewlenin tas-soċjetà, it-titjib fil-parteċipazzjoni demokratika, l-għoti tas-setgħa lin-nisa u liż-żgħażaġh, u fl-appoġġ tal-litteriżmu diġitali - tikkontribwixxi għal soċjetà aktar inklużiva. Huma wkoll kruċjali fit-titjib tas-sitwazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni b'diżabilità.

Soċjetà ċivili attiva u mogħtija s-setgħa, flimkien mal-parlamenti u l-istituzzjonijiet pubbliċi, tista' tiffaċilita d-djalogu lokali, u tippermetti tfassil u implimentazzjoni aħjar tal-politiki għall-benefiċċju taċ-ċittadini. **Ambjent medjatiku** b'saħħtu huwa essenzjali biex jiġi żgurat spazju ta' diskussjoni miftuħ u inklużiv. Bl-istess mod, l-avvanz tal-iżvilupp fil-livell reġjonali u lokali permezz ta' approċċi integrati u parteċipattivi jista' jappoġġa tkabbir ibbilanċjat, kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali.

Il-Patt se jsaħħaħ l-isforzi biex jippromwovi ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili u jgħin lill-komunitajiet lokali jibnu l-kapaċità biex iwettqu r-rwoli tagħhom b'mod effettiv.

Responsabilizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, iż-żgħażaġh u l-komunitajiet lokali

L-inizjattiva se jkollha l-għan li tappoġġa soċjetà ċivili vibranti u komunitajiet lokali bħala vetturi ta' żvilupp u koeżjoni soċjali. Dan se jagħti s-setgħa lill-atturi ewlenin li jistgħu jappoġġaw b'mod konkret il-komunitajiet tagħhom, b'mod partikolari permezz ta':

- **L-istabbiliment ta' Assemblea Parlamentari taż-Żgħażaġħ għall-Mediterran** biex tiġbor il-vuċi u l-kontribut taż-żgħażaġh.
- **L-appoġġ għall-iżvilupp ta' servizz ċiviku Mediterranju** permezz tal-ħolqien ta' pjattaforma mfassla biex tgħaqqad individwi żgħażaġh fir-reġjun tal-Mediterran ma' firxa wiesgħa ta' opportunitajiet ta' volontarjat kemm fil-pajjiżi tagħhom stess kif ukoll fir-reġjun kollu. Din l-inizjattiva se tibni fuq inizjattivi ta' volontarjat u tikkomplementa inizjattivi oħra ta' mobbiltà, filwaqt li trawwem fehim reċiproku aktar profund fost iż-żgħażaġh fl-Ispazju Komuni tal-Mediterran.
- **L-għoti tas-setgħa lill-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa bħala influwenzaturi kruċjali fil-komunitajiet tagħhom** billi jinvolvuhom b'mod attiv fit-tfassil u l-eżekuzzjoni ta' inizjattivi f'diversi setturi, bħat-titjib tal-ħiliet, l-

edukazzjoni għolja, u l-appoġġ għan-negozju. L-azzjoni se tibni wkoll fuq l-esperjenza żviluppata biex tappoġġa negozji ġodda mmexxija min-nisa b'mod partikolari f'żoni rurali u remoti.

- **It-tisħiħ tal-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-media**, billi jiġu ffaċilitati inizjattivi ta' bini tal-kapaċità, jiġu pprovduti opportunitajiet għal proġetti kollaborattivi u jitravwem l-iskambju ta' esperjenzi. L-azzjoni se ssaħħaħ il-kooperazzjoni kontinwa tagħna biex nappoġġaw l-influwenzaturi żgħażaġh fir-reġjun.
- **It-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fil-livell lokali**, ispirat mill-approċċ tal-Patt tas-Sindki, għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali ta' ċittadini ta' kull età fil-livell lokali u municiġpali inkluż għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

II. Ekonomiji aktar b'saħħithom, aktar sostenibbli u integrati

Relazzjonijiet kummerċjali u integrazzjoni ekonomika aktar profondi jgħinu biex jiġu żgurati l-istabbiltà u r-reżiljenza ekonomika. L-UE u s-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran għandhom rabtiet ekonomiċi b'saħħithom u fit-tul u potenzjal enormi biex iżidu aktar l-integrazzjoni ekonomika tas-swieq fir-reġjun kollu biex joħolqu tkabbir sostenibbli u opportunitajiet ta' impjieg. L-ekonomiji tagħna huma komplementari u jistgħu joffru benefiċċji reċiproċi sinifikanti.

Is-suċċess tal-Patt se jiddependi wkoll fuq il-kapaċità li jiġi mobilizzat l-investment pubbliku u privat fuq skala kbira. **Il-Global Gateway²⁰ fil-Mediterran** jista' jagħti spinta lill-investimenti intelliġenti, nodfa u siguri fis-setturi diġitali, tal-enerġija, tar-reżiljenza tal-ilma, tal-biedja innovattiva u tat-trasport, filwaqt li jsaħħaħ is-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka f'allinjament mal-Patt għal Industrija Nadifa tal-UE²¹.

II.1. L-opportunitajiet ta' kummerċ u ta' investment

L-UE hija l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Viċinat tan-Nofsinhar (responsabbli għal 41 % tal-kummerċ ta' merkanzija tar-reġjun mad-dinja fl-2024). Is-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran spiss jindikaw il-ħtieġa li jiġu żviluppati ktajjen tal-valur u li jiġu attirati u miżmuma volumi oġhla ta' investimenti diretti. Fl-istess ħin, il-kummerċ u l-investment jeħtieġu ambjenti prevedibbli, stabbiltà makroekonomika, konverġenza regolatorja, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn is-setturi pubbliċi u privati.

Ir-reġjun jippreżenta opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali sostanzjali, mirfuda mill-kapital uman tiegħu, il-kostijiet kompetittivi tal-enerġija rinnovabbli u tat-trasport, u t-tranżizzjoni diġitali li qed taċċellera. Ir-ristrutturar tal-kummerċ globali jiftaħ opportunitajiet ġodda, peress li n-Nofsinhar tal-Mediterran jista' jkollu rwol fid-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista. Filwaqt li jibni fuq sħubijiet bilaterali, il-Patt se jikkontribwixxi biex tiġi intensifikata l-ħidma konġunta biex jinbena xenarju ekonomiku robust, jiġu promossi l-kummerċ u l-investimenti sostenibbli, u **jiġu integrati aktar il-ktajjen tal-provvista**, inkluż fis-setturi tas-saħħa u tal-agrikoltura kif ukoll fuq enerġiji u teknoloġiji nodfa, ħaġa kruċjali

²⁰ JOIN (2021) 30.

²¹ COM(2025) 85.

biex tingħata spinta lill-kompetittività u lill-prospetti ta' dekarbonizzazzjoni tal-Ispazju Komuni tal-Mediterran. Il-Patt se jsaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-materja prima kritika biex jiżgura ktajjen tal-provvista reżiljenti, trasparenti u sostenibbli f'setturi ewlenin, bħall-fertilizzanti.

Il-modernizzazzjoni u t-tiżiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment għal tkabbir aktar inklużiv, reżiljenti u sostenibbli

L-inizjattiva għandha l-għan li tisfrutta l-potenzjal ta' **arranġamenti kummerċjali eżistenti**²² u li ddaħħal inizjattivi ġodda għat-tiżiħ tal-integrazzjoni ekonomika, speċjament permezz ta':

- **L-appoġġ għall-modernizzazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali b'mod aktar flessibbli u mmirat**, permezz ta' forom ġodda ta' involviment f'setturi ewlenin ta' interess reċiproku, filwaqt li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji biex jitneħħew l-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ, sabiex tiżdied il-prevedibbiltà u tinbena l-fiduċja tal-investituri.
- **L-esplorazzjoni ta' Ftehimiet ta' Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli** ma' sħab interessati għall-attrazzjoni ta' investiment dirett barrani (IDB).

L-inizjattiva se tippromwovi u tattira l-investment biex tappoġġa ekonomiji innovattivi u diġitali u ssaħħaħ l-integrazzjoni tal-katina tal-provvista, b'mod partikolari permezz ta':

- **It-titjib tal-ambjent tan-negozju u tal-investment, il-konverġenza regolatorja, u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri doganali**, inkluż permezz ta' assistenza teknika biex jiġu appoġġati r-riformi ekonomiċi tal-pajjiżi sħab²³.
- **L-espansjoni tal-pjattaformi ta' investiment nazzjonali u tematiċi**, li jlaqqgħu flimkien is-settur privat, l-IFIs u l-istituzzjonijiet finanzjarji nazzjonali.

II.2. L-isfruttar tal-ekosistemi tal-istart-ups

Minkejja ħafna sfidi strutturali, ir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran esperjenza żieda fl-attività intraprenditorjali, li tiddependi fuq popolazzjoni żagħżuġha, teknoloġikament konxaja u interess dejjem jikber tal-investituri. **Id-diversifikazzjoni gradwali u t-trasformazzjoni strutturali tal-ekonomija qed iseħħu fil-livell lokali**, inklużi kemm iż-żoni urbani kif ukoll dawk rurali, li joħolqu opportunitajiet ġodda biex jiġu żviluppati ktajjen tal-valur nazzjonali u reġjonali filwaqt li tiżdied il-komplementarjetà għall-integrazzjoni ekonomika. Sabiex dan il-potenzjal jiġi sfruttat bis-sħiħ, huwa essenzjali li jiġu appoġġati l-produzzjoni u n-negozji lokali, inkluż fl-agrikoltura. Dan se jirrikjedi aktar esplorazzjoni tar-rwol tal-intraprenditorija soċjali lokali u mudelli ta' negozju alternattivi bħala muturi ewlenin ta' tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli.

²² Dawn jinkludu l-Konvenzjoni Pan-Ewro-Mediterranja dwar ir-regoli preferenzjali tal-orìġini.

²³ Inkluż fil-kuntest tal-assistenza makrofinanzjarja tal-UE fejn rilevanti.

StartUp4Med

L-inizjattiva se tisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tan-negozji ġodda, u l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (Micro, Small and Medium-Sized Enterprises, MSMEs)²⁴, filwaqt li tipprovdi opportunitajiet biex tiġi estiża l-parteċipazzjoni ekonomika, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u n-nisa. Se tistabbilixxi rabtiet ma' mekkaniżmi settorjali eżistenti²⁵ u tallinja mal-Istrateġija tal-UE dwar in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu²⁶. Dan se jinkiseb permezz ta':

- **It-twaqqif ta' mekkaniżmu reġjonali ta' appoġġ għan-negozji ġodda** biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzi u l-mobilizzazzjoni tal-investment. L-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa, se jiġu mobilizzati flimkien ma' mezzi ta' finanzjament alternattivi, bħal self għall-unur, finanzjament kollettiv, u finanzjament imħallat²⁷.
- **It-twaqqif ta' programm Miftuħ għan-Negozju** indirizzat lejn is-settur privat biex jidentifika oqsma ta' tħassib u jiffaċilita s-simplifikazzjoni legali u regolatorja.
- **L-iżvilupp ta' Sett ta' Għodod ta' Politika** biex tiġi promossa l-formalizzazzjoni tal-MSMEs, inkluż permezz ta' proċeduri amministrattivi simplifikati, inċentivi finanzjarji, u rabtiet ta' protezzjoni soċjali. Il-mikroimprendituri informali se jibbenefikaw minn appoġġ immirat bħall-ikkowċjar, l-assistenza legali u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet.

II.3. L-infrastruttura diġitali u ċ-ċibersigurtà

Ir-rivoluzzjoni diġitali u tal-intelliġenza artiċjali (IA) qed issawwar mill-ġdid l-ekonomiji u s-soċjetajiet. Hemm inċentiv qawwi ta' sħubija f'dan il-qasam biex jiġi sfruttat il-potenzjal tas-soluzzjonijiet diġitali, tad-data u tal-IA biex jissaħħu l-kompetittività u l-effiċjenza tal-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna, filwaqt li jiġu żgurati wkoll is-sigurtà, is-sovranità u l-allinjament mal-valuri ewlenin, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji ta' governanza tajba.

Interkonnessjoni vera permezz ta' infrastrutturi diġitali siguri u affidabbli madwar il-Mediterran hija għan fundamentali mhux biss biex l-ekonomiji u ċ-ċittadini tagħna jittqarrbu lejn xulxin iżda wkoll biex jiżdiedu s-sigurtà kondiviża u l-komunikazzjoni bla xkiel. Il-flussi tad-data huma vitali għall-iżvilupp ekonomiku u tas-soċjetà u se jifitħu opportunitajiet ġodda għan-nies, għan-negozji u għall-organizzazzjonijiet madwar il-Mediterran.

It-titjib tal-aċċess għas-servizzi pubbliċi online, it-tressiq ta' soluzzjonijiet ta' governanza elettronika u ta' infrastruttura pubblika diġitali (digital public infrastructure, DPI), l-iżgurar ta' infrastruttura kritika, it-titjib tal-governanza u r-regolamenti diġitali u l-protezzjoni tad-drittijiet diġitali jibqgħu ta' importanza kbira f'dan il-kuntest.

²⁴ Skont l-istatistika tal-Bank Dinji, il-MSMEs fin-Nofsinar tal-Mediterran jammontaw għal 90 % tal-għadd totali ta' negozji u jikkontribwixxu għal żewġ terzi tal-PDG u 75 % tal-impjiegi.

²⁵ BlueInvest huwa miftuħ għal negozji ġodda innovattivi tal-ekonomija blu u SMEs tat-teknoloġija mill-Med.

²⁶ COM(2025) 270.

²⁷ Il-mekkaniżmu Reġjonali għan-Negozji l-Ġodda jista' jisfrutta l-esperjenza tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni - Finanzjament tal-Kapital ta' Riskju tal-EIC biex jappoġġa l-Innovazzjoni fit-Teknoloġija Profonda Ewropea b'mod partikolari għall-pajjiżi fir-reġjun assoċjat ma' Orizzont Ewropa u diġà qed jibbenefikaw minnu.

Id-disponibbiltà ta' data u informazzjoni miftuħa mis-sistemi spazjali li huma proprjetà tal-UE, bħal Copernicus, abilitati minn infrastrutturi diġitali, tista' tikkontribwixxi biex jizjeddu l-opportunitajiet ta' negozju fir-reġjun.

Offerta ta' Negozju Teknoloġiku għal ekonomiji integrati diġitali u tad-data

L-inizjattiva għandha l-għan li tressaq 'l quddiem Offerta tan-Negozju tat-Teknoloġija għall-imsieħba tan-Nofsinhar tal-Mediterran²⁸, b'mod partikolari permezz ta':

- **L-appoġġ għall-introduzzjoni ta' infrastruttura diġitali sigura u affidabbli fl-oqsma tas-sistemi ta' kejbils taħt il-baħar, tan-networks 5G, tal-konnettività tal-broadband rurali, u tal-infrastrutturi taç-ċentri tad-data permezz ta':**
 - **Il-konnessjoni tal-pajjiżi interessati kollha fir-reġjun permezz ta' sistemi ta' kejbils sottomarini bħal Medusa u Blue-Raman**, bil-possibbiltà li dan jiġi estiż ukoll għas-sħab tal-Golf. Dan se jiffaċilita l-iskambju sigur u bla xkiel tad-data, inkluż permezz ta' interkonnessjonijiet ma' inizjattivi eżistenti bħall-Kuritur Diġitali UE-Afrika - Indja, li jorbotha wkoll mal-IMEC u t-T-MED.
 - **L-offerta ta' appoġġ tekniku u finanzjarju għall-introduzzjoni ta' 5G u ċentri tad-data siguri u fdati fir-reġjun billi jiġu involuti l-IFIs, l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE u dawk nazzjonali, f'konformità mas-Sett ta' Għodod tal-5G u leġiżlazzjoni oħra relevanti²⁹ u pprovduti minn fornituri ta' tagħmir fdati.**
- **It-tnedija ta' programm reġjonali għall-bini tal-kapaċità tat-telekomunikazzjoni u l-esplorazzjoni tal-potenzjal għal oqsfa xierqa ta' telekomunikazzjoni, inkluż kooperazzjoni fejn jidħol roaming, fost l-imsieħba interessati tan-Nofsinhar tal-Mediterran.**
- **Filwaqt li jibnu fuq il-mudell tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali tal-UE u l-fabbriki tal-IA tal-UE³⁰, li jaçcelleraw l-akkumulazzjoni ta' ekosistemi tal-IA, inkluż l-użu tal-IA u tal-infrastruttura tad-data u jappoġġaw lill-universitajiet, lill-SMEs, lill-industrija u lin-negozji ġodda biex jiżviluppaw u japplikaw l-IA f'diversi setturi bħall-manifattura, il-kura tas-saħħa, l-agrikoltura, jew il-klima.**
- **Il-kondiviżjoni tal-għarfien espert u soluzzjonijiet konkreti ta' governanza elettronika fl-oqsma tal-identitajiet diġitali u tad-DPI permezz ta':**
 - **L-użu ta' servizzi fiduċjarji b'sors miftuħ, l-identità diġitali, u soluzzjonijiet ta' DPI siguri u konformi mal-protezzjoni tad-data.**
 - **Is-simplifikazzjoni tal-iskambji transfruntiera tal-gvern u tan-negozju filwaqt li tiġi ffaċilitata wkoll il-mobbiltà taç-ċittadini.**
- **Iż-żieda fl-iskambji tekniċi u l-kooperazzjoni dwar iç-çibersigurtà, inkluż biex tiġi appoġġata l-kapaċità tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taç-çibersigurtà.**

²⁸ F'konformità mal-Istrateġija Diġitali Internazzjonali tal-UE, JOIN(2025) 140.

²⁹ [Sett ta' għodod tal-UE għas-sigurtà tal-5G](#)

³⁰ [Fabbriki tal-IA | Shaping Europe's digital future.](#)

II.4. L-investment fl-enerġija rinnovabbli u fit-teknoloġija nadifa

Il-Mediterran huwa hotspot tat-**tibdil fil-klima u tal-bijodiversità**, f'riskju minn **sfidi u pressjonijiet ambjentali dejjem jżdiedu**. Il-Patt se **jistabilixxi aġenda komuni biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli tan-Nofsinhar tal-Mediterran u dan iwassal għal rebħa tripla**: l-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni reġjonali, it-titjib tas-sigurtà tal-enerġija u t-tisħiħ tal-kompetittività industrijali. **Tranżizzjoni lejn mudell tal-enerġija effiċjenti, affidabbli u sostenibbli hija essenzjali għar-reġjun**. F'konformità mal-Patt għal Industrija Nadifa, ekonomija ċirkolari effiċjenti fir-riżorsi, inkluż l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli u l-manifattura tat-teknoloġija nadifa, toffri benefiċċji soċjoekonomiċi sinifikanti u tattira l-IDB. Dawn l-oġettivi se jiġu segwiti permezz ta' oqfsa kummerċjali bilaterali flessibbli u modernizzati u forum ġodda ta' involviment, bħal ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-investment sostenibbli u sħubijiet dwar kummerċ u investment nodfa fil-kuntest tal-inizjattiva Trans-Mediterranja dwar l-Enerġija Rinnovabbli u t-Teknoloġija Nadifa. Dan se jiġi żviluppat ukoll permezz ta' kooperazzjoni aktar qawwija mas-sħab tal-Golf, kif ukoll mal-Afrika sub-Saħarjana.

Inizjattiva Trans-Mediterranja għall-Enerġija Rinnovabbli u t-Teknoloġija Nadifa (T-MED)

L-inizjattiva se tappoġġa l-kooperazzjoni trans-Mediterranja ta' benefiċċju reċiproku billi tavvanza t-tranżizzjoni domestika tal-enerġija u l-iżviluppi tat-teknoloġija nadifa fis-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran, filwaqt li toħloq opportunitajiet ekonomiċi u tiffaċilita l-kummerċ tal-enerġija rinnovabbli u s-sħubijiet industrijali fir-reġjun kollu, b'mod partikolari permezz ta':

- **L-istabiliment** ta' Pjattaforma ta' Investment T-MED, li se sservi bħala għodda ta' koordinazzjoni biex tiġi żviluppata sensiela ta' proġetti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, fl-infrastruttura tal-grilja, inklużi l-grilji domestiċi tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni fis-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran, li huma relatati ma' Proġetti ta' Interess Reċiproku identifikati skont ir-Regolament TEN-E, u l-manifattura tat-teknoloġija nadifa. Il-pjattaforma se tlaqqa' flimkien promoturi tal-proġetti, IFIs, istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE u nazzjonali, strumenti finanzjarji tal-UE u investituri privati biex jikkatalizzaw investment fuq skala kbira b'enfasi fuq soluzzjonijiet ta' taħlit u tneħħija tar-riskji.
- **Il-ħolqien ta' mekkaniżmu regolatorju ddedikat** biex jappoġġa lis-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran fl-implimentazzjoni ta' riformi mmirati regolatorji u speċifiċi għas-settur tal-enerġija³¹ marbuta mal-prontezza għall-investment u l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji tal-UE.
- **L-immudellar ta' sistemi tal-enerġija** biex jiġu vvalutati aħjar l-impatti ekonomiċi, tas-sostenibbiltà u tas-sigurtà ta' penetrazzjoni oġhla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif ukoll proġetti ġodda ta' infrastruttura tal-enerġija għar-reġjun.

³¹Dawn jistgħu jinkludu l-aċċess għall-grilja għal partijiet terzi, ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija, it-trasparenza u r-riforma tat-tariffi inklużi r-riflettività tal-kostijiet, is-separazzjoni, il-liberalizzazzjoni tas-swieq bl-ingrossa u bl-imnut, il-kummerċ transfruntier u l-integrazzjoni reġjonali).

- **L-għoti ta' aċċess għal Strument ta' Appoġġ Tekniku**, li jservi bħala portal uniku għall-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, l-eletrifikazzjoni u l-assistenza teknika nadifa relatata mat-teknoloġija.
- **L-istabbiliment ta' programm ta' appoġġ għall-kummerċ għaċ-ċertifikazzjoni u għall-enerġija rinnovabbli** li jippermetti l-kummerċ transfruntier fl-elettriku rinnovabbli u l-idroġenu rinnovabbli. Se jitnieda **manwal prattiku** biex jiggwida l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni u tal-Garanziji tal-Oriġini transfruntiera pilota³².
- **It-tisħiħ tal-kollaborazzjonijiet industrijali fit-teknoloġija nadifa** biex jitrawmu sħubijiet industrijali robusti bejn il-kumpaniji Ewropej u tan-Nofsinhar tal-Mediterran fil-ktajjen tal-valur kritiċi. Dan jista' jinkludi l-enerġija solari u mir-riħ, l-elettrolizzaturi u l-produzzjoni tal-idroġenu nadif, kif ukoll it-teknoloġiji tat-tisħin u t-tkessiħ, it-teknoloġiji tal-grilja u tal-ħżin, il-pompi tas-sħana u t-teknoloġiji tal-effiċjenza enerġetika fis-setturi industrijali u tal-bini.
- **L-għoti ta' appoġġ** biex jiġu **stabbiliti fil-konkret organizzazzjonijiet kummerċjali Ewropej tal-enerġija u tan-negozju fit-teknoloġija nadifa, speċifiċi għall-pajjiżi**. Dan jista' jsir f'kooperazzjoni man-Netzwerk Enterprise Europe (EEN) u r-raggruppamenti industrijali Ewropej. Se tiġi stabbilita **pjattaforma ddedikata għall-partijiet ikkonċernati** biex jiġu identifikati setturi ta' prijorità, jiġu żviluppati pjanijiet ta' azzjoni komprensivi u reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, u jiġi involut b'mod attiv is-settur privat tal-UE. Din il-pjattaforma se jkollha wkoll rwol ċentrali fl-iffaċilitar tal-opportunitajiet ta' koinvestment u fin-negozjar ta' ftehimiet tax-xiri li jirfdu l-kollaborazzjoni fit-tul f'sinerġija u komplementarjetà mal-Pjattaforma tal-UE dwar l-Enerġija u l-Materja Prima.
- **L-iżvilupp ta' Aġenda tal-Ħiliet T-MED³³** li se tkun strumentali biex biha jiġu indirizzati lakuni fil-forza lavorattiva u tal-ġeneru u sabiex it-taħriġ jiġi alinjat mal-ħtiġijiet tal-industrija u tal-impjegati.

II.5 Lejn Mediterran sostenibbli u reżiljenti

It-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità jaffettwaw ħafna r-reġjun tal-Mediterran u r-reżiljenza tiegħu. It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tirrappreżenta wkoll opportunità biex tingħata spinta lill-kompetittività sostenibbli fir-reġjun. Il-Patt se jippermetti li jiġu sfruttati l-benefiċċji li jirriżultaw minn tali tranżizzjoni, filwaqt li jindirizza l-impatti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, inkluż fil-qafas ta' Trattat Dinji dwar it-tniġġiż mill-plastik li jista' jsir. Il-Patt se jindirizza wkoll il-vulnerabbiltà tar-reġjun għat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali billi jappoġġa l-ippjanar effettiv u jimmobilizza l-flussi ta'

³² Se tkun meħtieġa kooperazzjoni regolatorja mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran biex tippermetti l-adozzjoni ta' rekwiżiti kemm għall-elettriku rinnovabbli kif ukoll għall-fjuwils, kompatibbli mal-qafas tal-UE. Se jkun meħtieġa ftehimiet speċifiċi ma' pajjiżi terzi biex jippermettu r-rikonossiment reċiproku tal-garanziji tal-oriġini.

³³ Azzjoni marbuta ma' sħubijiet eżistenti dwar l-enerġija rinnovabbli (Patt għall-Ħiliet) u proġetti relatati tal-Erasmus+ bħal SHOREWINNER.

finanzjament disponibbli għal investimenti sostenibbli, kemm internazzjonali kif ukoll domestiċi, privati u pubbliċi.

Sħubija għal tranżizzjoni nadifa, tkabbir sostenibbli u reżiljenza

L-inizjattiva għandha l-għan li tappoġġa l-kooperazzjoni reġjonali u s-sħubijiet lokali fejn jidħol l-ambjent, inkluż fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Barċellona³⁴, u fejn tidħol il-klima, billi jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp ekonomiku ta' tranżizzjoni nadifa u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari permezz ta':

- **It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni** mas-sħab interessati tan-Nofsinhar tal-Mediterran **dwar is-soluzzjonijiet klimatiċi**, permezz tad-djalogu u bil-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-għarfien kif ukoll l-għoti ta' assistenza teknika mmirata dwar l-istrumenti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż l-ipprezzar tal-karbonju.
- **L-iżvilupp ta' riżervi ta' investiment għall-adattament għat-tibdil fil-klima** billi jissaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali u lokali biex jiġu żviluppati u implimentati proġetti, filwaqt li jiġu sfruttati s-sħubijiet mal-IFIs, il-fondi għall-klima, u l-partijiet ikkonċernati privati.
- **L-istabbiliment ta' pjan reġjonali biex jiġu ffaċilitati l-investimenti** fit-trattament modern tal-ilma mormi u l-ġestjoni tal-iskart solidu.
- **It-tnedija ta' Sħubijiet ġodda għar-Reżiljenza tal-Ilma** biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma, b'mod partikolari l-użu mill-ġdid tal-ilma.
- **It-tisħiħ tal-inizjattiva Green Forward**, li tagħti s-setgħa b'mod partikolari lill-SMEs, biex jippromwovu l-ekonomija ċirkolari u l-effiċjenza fir-riżorsi, jeliminaw il-plastik li jintuża darba biss, tappoġġa l-bijoekonomija u tippromwovi djalogu regolatorju dwar iċ-ċirkolarità, inkluż pereżempju fejn jidħlu t-tessuti.
- **L-appoġġ għall-implimentazzjoni konġunta tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità** b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' Strateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità, u l-ħolqien, l-espansjoni u l-ġestjoni ta' żoni protetti, b'mod partikolari żoni tal-baħar protetti.

II.6. Il-promozzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli

Fil-Baħar Mediterran miljuni jaqilgħu l-għajxien tagħhom, iżda huwa qed jiffaċċja pressjoni ambjentali u ekonomika dejjem akbar. Il-Patt se jrawwem ekonomija blu ġusta, sostenibbli u kompetittiva f'konformità mal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani³⁵, inkluż fil-qafas tad-Dikjarazzjoni Ministerjali MedFish4ever li jmiss, li ssawwar il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) li jmiss lil hinn mill-2027. Barra minn hekk, f'konformità mal-**Istrateġija tal-UE għar-Reżiljenza tal-Ilma**³⁶, il-Patt se jsaħħaħ il-governanza tal-ilma u jippromwovi l-użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma permezz tar-rabta bejn l-ekosistemi tal-ilma, l-enerġija u l-ikel.

³⁴ [II-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokollu | UNEP MAP](#).

³⁵ COM(2025) 281.

³⁶ COM(2025) 280.

Is-saħħa u l-ġid blu tal-Mediterran

L-inizjattiva għandha l-għan li tirrestawra r-riżorsi naturali tal-ekosistemi tal-Mediterran, issaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom, ittejjeb is-sostenibbiltà tal-prattiki tas-sajd u tal-akkwakultura u l-governanza internazzjonali tas-sajd, kif ukoll tagħti spinta lill-innovazzjoni tat-teknoloġija blu, b'mod partikolari permezz ta':

- **L-appoġġ għall-investimenti f'soluzzjonijiet tal-ekonomija blu sostenibbli** permezz tas-Sħubija Mediterranja Blu u l-pjattaforma BlueInvest.
- **It-tnedija tal-Komunità ta' Prattika għall-Ekonomija Blu tal-UE³⁷** biex toffri gwida bbażata fuq il-ġbir tad-data, l-iżvilupp ta' standards tad-data, metodoloġiji, kif ukoll analiżi u riċerka.
- **It-tisħiħ tad-diplomazija dwar l-oċeani** biex naħdmu flimkien mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran fil-promozzjoni tal-aderenza mal-istandards ta' governanza internazzjonali³⁸ u fit-titjib tal-oqfsa legali relatati mal-ġestjoni reġjonali tas-sajd.
- **L-iżvilupp ta' proġett ġdid biex jiżdedu l-kapaċitajiet ta' kontroll u spezzjoni tal-istati kostali** sabiex tissaħħaħ il-governanza tas-sajd reġjonali u jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (illegal, unreported, unregulated, IUU) permezz tal-bini tal-kapaċità, fil-monitoraġġ, fil-kontroll u fis-sorveljanza.
- **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali biex jiġi żgurat użu aktar koerenti u sostenibbli tal-ispazju tal-baħar permezz tal-ippjanar spazjali marittimu**, bħala faċilitatur għall-protezzjoni tan-natura u l-koeżistenza tal-attivitajiet fuq il-baħar.
- **It-tnedija tal-inizjattiva “Mill-Ilma sas-Suq”**, biex jiġu appoġġati l-produtturi, il-kooperattivi u l-assoċjazzjonijiet fis-settur akkwatiku biex jespandu l-valur miżjud tal-produzzjoni tagħhom, itejbu l-ipproċessar u jilħqu suq ġdid, inkluż l-aċċess għall-finanzi u l-investment.
- **It-tisħiħ tar-rabta bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni konġunta dwar l-ekosistemi tal-ilma, l-enerġija u l-ikel (water, energy, food, ecosystems, WEFE)** bħala pass ulterjuri wara PRIMA³⁹.
- **L-espansjoni tal-“Missjoni tal-Mediterran Blu”⁴⁰ għar-restawr u r-reżiljenza**, l-għoti ta' soluzzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni għar-restawr tal-Baħar Mediterran u l-ekosistemi u l-bijodiversità tal-ilma, it-twaqqif tat-tniġġis fil-baħar u minn sorsi bbażati fuq l-art, it-tnaqqis tal-istorbju tal-oċeani, iż-żieda tar-reżiljenza għall-klima u l-ilma, u t-tnejjija tal-komunitajiet kostali għal avvenimenti estremi.

II.7. Trasport sostenibbli u konnettività akbar

Il-konnettività tajba hija kruċjali għal reġjun biex fih jiġu appoġġati l-kummerċ u s-setturi emerġenti filwaqt li tingħata spinta lid-dekarbonizzazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi. L-Ispazju Komuni tal-Mediterran spiss ibati minn frammentazzjoni tat-trasport u regolatorja, nuqqas ta' investment, u nuqqas ta' kapaċità tal-ippjanar. Dan għandu

³⁷ L-Osservatorju tal-Ekonomija Blu tal-Unjoni Ewropea.

³⁸ B'mod partikolari biex jiġi ratifikat u implimentat il-Ftehim BBNJ.

³⁹ [Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran.](#)

⁴⁰ [BlueMissionMed](#)

implikazzjonijiet sostanzjali għall-mobbiltà transfruntiera tal-persuni, l-oġġetti u s-servizzi. Għalhekk huwa vitali li jiġu indirizzati l-lakuni fil-kapaċità u l-allinjament ħażin regolatorju fl-oqsma tad-dwana, l-effiċjenza, is-sikurezza, is-sigurtà, u l-istandards ambjentali. Dan se jagħmilha aktar faċli li jintlaħaq l-oġġettiv li jiġi estiż in-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) tal-UE u, fejn rilevanti, li tiżdied aktar il-konnettività ma' reġjuni ġirien, bħall-Golf u lil hinn minnu. B'mod partikolari, aktar koordinazzjoni u espansjoni tal-Kuritur Ekonomiku bejn l-Indja u l-Lvant Nofsani u l-Ewropa (India-Middle East-Europe Corridor, IMEC) itejbu t-trasport affidabbli u l-konnettività diġitali sigura fil-Mediterran, filwaqt li jikkontribwixxu għas-sigurtà ekonomika tar-reġjun.

Trasport sostenibbli għal reġjun konness aħjar

L-inizjattiva għandha l-għan li tipprovdi soluzzjonijiet tat-trasport affidabbli u sostenibbli, b'mod partikolari permezz ta':

- **It-tisħiħ ta' sforzi konġunti għall-promozzjoni tal-produzzjoni u l-adozzjoni ta' fjuwils rinovabbli u baxxi fil-karbonju għat-trasport** (fil-qasam marittimu u dak tal-avjazzjoni), f'konformità mal-prinċipji stabbiliti mir-regolamenti tal-UE dwar il-Fjuwils Sostenibbli tal-Avjazzjoni⁴¹, dwar il-Fjuwils Sostenibbli Marittimi⁴² u fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Portijiet⁴³. Dan se jinkludi wkoll sforzi ta' allinjament ta' prattiki sostenibbli f'konformità mal-istandards internazzjonali (ICAO, IMO), u b'hekk jiġu appoġġati wkoll l-atturi fil-Mediterran fl-isforzi tagħhom għall-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri kif ukoll l-inkoraġġiment ta' sforzi ta' kooperazzjoni permezz tal-Konvenzjonijiet reġjonali dwar il-Baħar⁴⁴ biex jitrawwem Spazju Komuni tal-Mediterran nadif, sigur u sikur.
- **It-titjib tal-konnettività madwar ir-reġjun permezz tal-espansjoni tal-konnessjonijiet tat-trasport multimodali u permezz ta' interoperabbiltà u allinjament regolatorju mtejba**, biex b'hekk isir progress lejn l-estensjoni tat-TEN-T għall-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran u b'rabta wkoll mal-IMEC, it-T-MED u l-Afrika sub-Saħarjana. Il-konnessjoni tal-portijiet ma' modi oħra ta' trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju se tipprovdi integrazzjoni aħjar taċ-ċentri kostali mas-swieq interni. Jista' jiġi ggarantit titjib fl-allinjament regolatorju billi jiġu appoġġati proġetti ta' assistenza teknika u djalogu politiku msaħħaħ.
- **It-titjib tal-konnettività bl-ajru**, f'konformità mal-istandards ambjentali, permezz ta' ħidma kontinwa fuq ftehimiet eżistenti jew ġodda dwar it-trasport bl-ajru fil-livell tal-UE mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran u l-appoġġ għas-suq uniku Afrikan tat-trasport bl-ajru.

⁴¹ PE/29/2023/REV/1, ir-Regolament (UE) 2023/2405.

⁴² PE/26/2023/INIT, ir-Regolament (UE) 2023/1805.

⁴³ P9 TA(2024)0025 – It-tiswir ta' strateġija portwarja komprensiva Ewropea.

⁴⁴ Diversi Stati Membri tal-UE (il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, is-Slovenja u Spanja) kif ukoll l-Alġerija, l-Eġittu, Iżrael, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, is-Sirja u t-Tuneżija huma parteċipanti fiċ-Ċentru Reġjonali ta' Rispons f'Emerġenza ta' Tniġġis tal-Baħar għall-Baħar Mediterran (Regional Marine Pollution Emergency Response Centre, REMPEC), amministrat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u li jopera taħt il-qafas tal-Konvenzjoni ta' Barċellona amministrata mill-UNEP.

- **L-appoġġ għal proġetti ta' mobbiltà urbana u rurali b'għarfien espert u teknoloġija tal-UE** biex jikkomplementaw l-isforzi li saru fuq it-trasport multimodali billi jiġi implimentat il-kunċett ta' nodi urbani TEN-T⁴⁵ u tiġi promossa s-sostenibbiltà - inkluż permezz tal-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima - u l-abitabbiltà fil-bliet li qed jespandu malajr fil-Mediterran.

II.8. Tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza u kondiviżjoni tal-għarfien

Il-promozzjoni tat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u l-kondiviżjoni tal-għarfien tibqa' ta' importanza kruċjali. B' mod partikolari, is-sistema Copernicus tal-UE toffri servizzi dwar l-istat tal-ambjent tad-Dinja, abbażi ta' politika ta' data sħiħa, ħielsa u miftuħa u għalhekk tista' tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza. Barra minn dan, id-disponibbiltà ta' statistika u data uffiċjali rilevanti u komparabbli hija essenzjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet u ta' politika bbażati fuq l-evidenza.

Il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-istatistika għal teħid ta' deċiżjonijiet aħjar

L-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb l-istatistika, l-għarfien u l-kondiviżjoni tad-data bejn l-UE u s-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran, b' mod partikolari permezz ta':

- **L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ad hoc** għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-valutazzjoni tal-impatti transfruntiera tal-leġiżlazzjoni rispettiva.
- **L-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni** mal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran **biex jipprovdu statistika u data uffiċjali rilevanti u komparabbli** dwar l-oqsma koperti mit-tliet pilastru tal-Patt.
- Il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u esperjenzi, **bl-użu ta' sorsi ġodda tad-data u teknoloġiji moderni, inkluża l-IA**, biex jiġu żviluppati għarfien statistiku ġdid u għodod statistiċi rilevanti.
- **It-trawwim tal-innovazzjoni tas-settur pubbliku** b'dipendenza fuq id-data u l-informazzjoni disponibbli mis-sistemi spazjali tal-UE biex jitħejjew deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza f'ħafna mill-oqsma koperti mill-Patt.

III. Sigurtà, tħejjija u ġestjoni tal-migrazzjoni

L-Ispazju Komuni tal-Mediterran għandu quddiemu sfidi relatati mas-sigurtà, il-perikli naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, il-migrazzjoni illegali u l-ġestjoni tal-fruntieri. L-instabbiltà fil-hotspots reġjonali toħloq nuqqas ta' sigurtà, u tpoġġi pressjoni fuq ir-reżiljenza tas-soċjetajiet.

Pressjonijiet dejjem akbar fil-fruntieri, kriminalità transfruntiera u sfidi relatati mill-migrazzjoni illegali tul rotot ewlenin, jitolbu sforzi kkoordinati biex jiġu miġġielda l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, filwaqt li l-iżgurar ta' approċċi sikuri, ordnati u bbażati fuq id-drittijiet li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti u tar-refuġjati u jippromwovu perkorsi ta' mobbiltà, filwaqt li jiġu indirizzati dawn il-

⁴⁵ Il-kunċett tan-nodi urbani tat-TEN-T jiżgura (1) ir-rikonoxximent tar-rwol importanti tal-bliet fin-network ġenerali tat-trasport, (2) it-tfassil ta' pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli (sustainable urban mobility plans, SUMP) għaż-żona funzjonali madwar il-bliet, (3) il-ġbir ta' data dwar is-sikurezza, is-sostenibbiltà u l-aċċessibbiltà, u (4) il-kostruzzjoni ta' ċentri multimodali.

kwistjonijiet interkonnessi, jirrekjedi kooperazzjoni sostnuta u kollaborattiva biex jitrawmu l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun kollu.

III.1. Il-paċi u s-sigurtà

Bħalissa hemm pressjoni qawwija fuq l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Biswit theddid tradizzjonali bħat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, u l-kriminalità organizzata, qed jitfaċċa theddid transfruntier ġdid, bħall-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza ċibernetika u barranija (foreign information manipulation and interference, FIMI) - spiss bħala parti minn kampanji ibridi usa' - jew ir-radikalizzazzjoni tal-minorenni u l-adulti żgħażaġh. Iż-żieda fl-isfruttament tad-dominju marittimu tesponi vulnerabbiltajiet ġodda, kemm jekk ir-riskji assoċjati ma' Prattiki tat-tbahir ta' standard inferjuri kif ukoll l-importanza dejjem akbar tal-infrastruttura marittima.

Dan it-theddid huwa fost **l-isfidi komuni l-aktar serji u kumplessi għas-sigurtà**. L-UE u s-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran jeħtieġ li jinvolvu ruħhom aktar mill-qrib ma' xulxin u jibnu r-reżiljenza, f'konformità wkoll mal-impenji tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE⁴⁶.

Il-Patt se jkollu l-għan li jikseb **fehmi komuni tal-pajsaġġi tas-sigurtà reġjonali u internazzjonali**, filwaqt li jrawwem il-kooperazzjoni, inkluż f'oqsma bħall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE, is-sigurtà marittima, ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, it-theddid ibridu u ċibernetiku, il-FIMI, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża, il-medjazzjoni għall-paċi, u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti.

Fil-Mediterran, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-UE, b'mod partikolari l-Operazzjoni IRINI u l-Missjoni tal-UE ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya), għandhom rwol ċentrali fit-trawwim tal-kooperazzjoni mal-Libja, fit-tisħiħ tal-istabbiltà reġjonali fl-implimentazzjoni tal-embargo tan-NU fuq l-armi fuq il-Libja, fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin. Lil hinn mill-Mediterran, l-UE tappoġġa s-sħab tagħha fir-reġjun permezz ta' aktar missjonijiet ċivili u militari tal-PSDK⁴⁷.

⁴⁶ [L-istrateġija tas-sigurtà marittima - Il-Kummissjoni Ewropea](#).

⁴⁷ Dawn jinkludu EUNAVFOR ATALANTA u EUNAVFOR ASPIDES fil-Baħar l-Aħmar, il-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq), il-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah), u l-Missjoni tal-Pulizija tal-UE għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS).

L-inizjattiva UE-MED għall-Paċi u s-Sigurtà

L-inizjattiva se tappoġġa approċċ koordinat għal suġġetti konkreti ta' paċi u sigurtà, b' mod partikolari permezz ta':

- **It-twaqqif ta' forum reġjonali għall-UE u l-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran dwar il-paċi u s-sigurtà.** Il-Forum jista' jipprovdi ambjent informali biex jitrawwem għarfien konġunt tas-sitwazzjoni reġjonali, jiġu kondiviżi l-fehmiet u jiġu kkoordinati approċċi dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, bħas-sitwazzjoni tas-sigurtà reġjonali u l-attivitajiet rispettivi ta' paċi u sigurtà, inkluża l-medjazzjoni għall-paċi, u biex jiġi identifikat appoġġ potenzjali għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab.
- **L-avvanz ta' djalogi u konsultazzjonijiet iddedikati dwar il-paċi, is-sigurtà u d-difiża** mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran.
- **L-esplorazzjoni ta' kontributi potenzjali mis-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK,** b' mod partikolari permezz ta' ftehimiet qafas ġodda ta' parteċipazzjoni⁴⁸.
- **It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab, inkluż permezz ta' miżuri ta' assistenza tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (European Peace Facility, EPF), u aktar koordinazzjoni u sinerġiji mal-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO), fir-rigward tal-awtonomija ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u tan-NATO.**
- **Taħriġ taħt l-awspiċċi tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża,** pereżempju fil-qasam tal-ambjent tat-tibdil fil-klima, u l-paċi, is-sigurtà u d-difiża.
- **L-espansjoni tal-użu tas-Sett ta' Għodod tal-Intelligence b'Sors Miftuħ** biex tiġi identifikata u analizzata l-FIMI ffukata fuq id-diżinformazzjoni bbażata fuq l-identità (IBD)⁴⁹ u ż-żieda fl-għarfien tas-sitwazzjoni biex jiġu indirizzati aħjar l-ispeċifikitajiet tal-FIMI fir-reġjun.
- **L-istabbiliment ta' djalogu mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran dwar is-sigurtà tal-kejbils sottomarini,** u f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils⁵⁰, li jinkludi azzjonijiet dwar miżuri ta' detezzjoni, rispons u rkupru.
- **Iż-żieda fil-kooperazzjoni dwar it-theddid għas-sigurtà marittima,** bħat-tbaħħir substandard u prattiki ta' navigazzjoni riskjużi, inkluż bħala parti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.
- **It-tisħiħ tal-iskambji u l-kooperazzjoni** dwar il-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti taħt inizjattivi globali rilevanti, inkluż **il-qafas taċ-Ċentru ta' Għarfien tal-UE dwar il-Prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni.**
- **L-iffaċilitar ta' skambji transreġjonali** bejn l-UE u r-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran **dwar kwistjonijiet ċibernetiċi u tas-saħħa.**

⁴⁸ Il-ftehimiet jiddefinixxu t-termini tal-parteeċipazzjoni ta' pajjiżi mhux tal-UE f'operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet u r-relazzjoni ta' dawk il-pajjiżi mal-UE fit-twertiq tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet.

⁴⁹ [How to Detect & Analyse Identity-Based Disinformation/FIMI: A Practical Guide to Conduct Open Source Investigations | EEAS.](#)

⁵⁰ JOIN(2025) 9.

- **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali** billi jiġu indirizzati ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet u r-riskji marittimi, ambjentali u tal-kompetizzjoni maħluqa minn prattiki ta' tbaħħir inferjuri u ta' navigazzjoni riskjuża.

III.2. Żieda fit-tħejjija reġjonali

Il-bini ta' Spazju Komuni tal-Mediterran sigur jeħtieġ li **tizzied it-tħejjija tar-reġjun kemm għad-diżastri u l-perikli naturali kif ukoll għal daww ikkawżati mill-bniedem**. F'reġjun li qed jesperjenza żieda fit-temperatura 20 % aktar malajr mill-medja madwar id-dinja, huwa mistenni li jikber ir-riskju ta' tibdil fil-klima, li jkun multiplikatur tat-theddid u jwassal għal diżastri aktar frekwenti u severi li jħallu impatt kemm fuq l-ambjent kif ukoll fuq is-sistemi soċjoekonomiċi, li jheddu speċjalment il-komunitajiet kostali u tal-gżejjer.

In-nirien fil-foresti, in-nixfiet, l-iskarsezza tal-ilma kif ukoll l-għargħar u l-avvenimenti estremi tat-temp diġà qed jaffettwaw is-saħħa tal-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel, li huma l-fatturi ewlenin għall-istabbiltà politika u l-koeżjoni soċjali fir-reġjun. L-agrikoltura innovattiva għandha rwol importanti fit-tisħiħ tat-tħejjija għal diżastri u perikli naturali u kkawżati mill-bniedem.

Ir-riskju ta' perikli relatati mas-saħħa jenfasizza l-importanza kritika tat-tisħiħ tal-miżuri tas-sigurtà tas-saħħa biex tiġi żgurata r-reżiljenza kontra t-theddid emerġenti. F'dan il-kuntest, minbarra t-tiswir konxju ta' kultura ta' tħejjija, jibqgħu prijorità t-tisħiħ tal-kapaċità tas-sħab pubbliċi u privati, u l-kooperazzjoni bejniethom, biex jirrispondu għal avvenimenti mhux mistennija, u ż-żieda fil-prevenzjoni ta', u mekkaniżmi ta' rispons konġunt għal, kundizzjonijiet estremi tat-temp, inkluż l-għargħar u n-nixfiet, f'konformità mal-Istrateġija ta' Tħejjija tal-UE⁵¹ adottata reċentement. Skont approċċ li jieħu f'kunsiderazzjoni l-appart tal-gvern kollu kemm hu, u s-soċjetà kollha kemm hi, id-deċentralizzazzjoni effettiva u r-rabtiet mal-awtoritajiet lokali, flimkien mal-parteċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, huma essenzjali biex jiġu żgurati reazzjonijiet fil-pront, l-ingranaġġ tal-għarfien lokali u t-trawwim tar-reżiljenza bbażata fil-komunità.

Tħejjija Mediterranja għad-Diżastri

L-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb it-tħejjija reġjonali u ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' rispons fl-Ispazju Komuni tal-Mediterran permezz ta' approċċ li jieħu f'kunsiderazzjoni l-perikli kollha. Dan se jinkiseb prinċipalment permezz ta':

⁵¹JOIN(2025)130.

- **L-appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema ta' twissija bikrija dwar il-perikli kollha** li tibni fuq għodod eżistenti (eż. is-Servizz tal-Immaniġjar ta' Emerġenza ta' Copernicus) f'konformità mal-inizjattiva "Twissijiet Bikrija għal Kulħadd" u l-għanijiet ta' reżiljenza għad-diżastri tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili marbuta ma' strateġiji ta' azzjoni antiċipatorja.
- **L-appoġġ għat-tħejjija għas-sigurtà tal-ikel**, abbażi tal-mudell tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Tħejjija u Rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel⁵².
- **It-tisħiħ tad-djalogi bilaterali eżistenti dwar il-politika agrikola** u l-istabbiliment ta' djalogi ġodda dwar politika ta' tisħib bejn is-settur tal-agrikoltura u dak tal-ikel mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran f'konformità mal-Viżjoni dwar l-Agrikoltura u l-Ikel⁵³.
- **It-tisħiħ tas-sinerġiji dwar it-tħejjija għad-diżastri** mal-Inizjattiva tal-UE dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari għall-Mitigazzjoni tar-Riskju, permezz ta' taħriġ u eżerċizzji ta' simulazzjonijiet, il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattika u ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni.
- **L-espansjoni tal-kooperazzjoni fil-protezzjoni ċivili**, billi tibni fuq inizjattivi reġjonali eżistenti u tikkapitalizza fuq programmi ta' kooperazzjoni Interreg⁵⁴. **Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra n-Nirien ġdid** ibbażat f'Ċipru se jappoġġa wkoll lill-ġirien reġjonali⁵⁵.
- **L-esplorazzjoni tal-opportunitajiet ipprovduti mill-immudellar tal-IA** fit-tħejjija għad-diżastri, b'mod partikolari l-avanz tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ta' rispons għal emerġenza permezz tal-integrazzjoni tal-algoritmi tal-IA fis-servizzi eżistenti u l-iżvilupp ta' Sistemi ta' Appoġġ għal Deċiżjonijiet dwar diversi perikli taħt il-kappa tal-IA għall-Ġid Pubbliku⁵⁶.

III.3. Ġestjoni tal-migrazzjoni

Il-migrazzjoni hija realtà globali. Il-ġestjoni tagħha hija responsabbiltà konġunta li teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib u **approċċ komprensiv, li jieħu f'kunsiderazzjoni rotot sħaħ u bbażat fuq id-drittijiet** f'konformità mad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Azil⁵⁷. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-governanza tal-migrazzjoni, it-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-prevenzjoni tat-tluq illegali, l-appoġġ għall-isforzi għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, kif ukoll it-trawwim tal-migrazzjoni legali u l-mobbiltà, f'konformità mad-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem. L-iffaċilitar ta' attivitajiet effettivi ta' ritorn, riammissjoni u riintegrazzjoni, kif ukoll l-appoġġ għall-isforzi ta' risistemazzjoni u l-għoti ta' soluzzjonijiet biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-migranti, ir-

⁵² [Ensuring global food supply and food security - European Commission](#).

⁵³ COM(2025) 75 final

⁵⁴ [Home - Programme Interreg Euro-MED](#).

⁵⁵ L-inizjattivi reġjonali eżistenti jinkludu pereżempju, il-bini fuq il-kooperazzjoni stabbilita fil-qasam tat-tifi tan-nar bejn Ċipru, il-Ġordan u l-Eġittu. Il-ħolqien ta' ċentru Ewropew ġdid għat-tifi tan-nar ġie propost mill-President tal-Kummissjoni von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni 2025.

⁵⁶ Pereżempju, l-algoritmi tal-IA jistgħu jiġu integrati fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti u fis-Sistema Globali ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti. [AI for Public Good | Shaping Europe's digital future](#).

⁵⁷ COM(2024) 251.

refuġjati u l-persuni li jfittxu l-ażil tul ir-rotot, huma wkoll parti integrali minn dan l-approċċ. Peress li l-awtoritajiet lokali u l-komunitajiet ospitanti jinsabu fuq quddiem nett ta' din il-ħidma, huwa essenzjali li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom f'dan il-qasam, inkluż billi jiġu appoġġati organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNHCR u l-IOM.

L-implimentazzjoni ta' approċċ li jieħu f'kunsiderazzjoni r-rotta sħiħa għall-ġestjoni tal-migrazzjoni

L-inizjattiva se tappoġġa approċċ konġunt dwar ir-rotot migratorji li jwasslu għall-Mediterran u madwaru. Se ssaħħaħ u tikkomplementa wkoll il-kooperazzjoni bilaterali dwar il-migrazzjoni, b'mod partikolari permezz ta':

- **It-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex il-migrazzjoni tiġi ġestita b'mod adegwat u jiġu indirizzati aħjar il-konsegwenzi u l-isfidi għall-komunitajiet lokali.** Kooperazzjoni akbar mal-atturi rilevanti li se twassal għal kapaċità akbar għall-prevenzjoni u r-rispons għall-kriżijiet tal-migrazzjoni, permezz tal-iżvilupp ta' sistemi ta' twissija bikrija, għodod ta' monitoraġġ tar-riskju u pjanijiet ta' kontinġenza ta' diversi partijiet ikkonċernati.
- **Iż-żieda fir-ritorni volontarji dinjitużi u r-riintegrazzjoni tal-migranti** mis-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.
- **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ritorni effettivi u riammissjonijiet** ta' persuni li qed jgħixu illegalment fl-UE.
- It-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin permezz ta' **sħubijiet operazzjonali**, u proġetti rilevanti, inkluż bħala parti mill-**Alleanza Globali**⁵⁸.
- **L-organizzazzjoni ta' kampanji reġjonali ta' sensibilizzazzjoni dwar il-proċeduri tal-viża għal soġġorn qasir** biex jiġu limitati l-ostakli u jiġi ffaċilitat il-ħruġ ta' viżi, bl-involvement tal-Istati Membri tal-UE li joħorġu viżi fis-sħab kkonċernati tan-Nofsinhar tal-Mediterran.
- **Iż-żieda tas-Sħubijiet ta' Talent**⁵⁹ **u t-tnedija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE** biex jiġu ffaċilitati r-rabtiet bejn l-impjegaturi tal-UE u l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi sħab, inkluż billi jiġu ffaċilitati l-viżi għall-istudenti, ħaddiema mħarrġa, riċerkaturi u akkademiċi.
- **It-tisħiħ tal-ispazju ta' protezzjoni** għall-migranti vulnerabbli, il-persuni li jfittxu l-ażil u r-refuġjati fin-Nofsinhar tal-Mediterran f'konformità mal-obbligi internazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' **proġett ta' protezzjoni reġjonali ġdid għan-Nofsinhar tal-Mediterran**, li se jippromwovi l-iskambju ta' Prattiki tajba dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' protezzjoni.
- **L-appoġġ għall-isforzi volontarji tal-Istati Membri dwar ir-risistemazzjoni u l-ammissjonijiet umanitarji.**

⁵⁸ [Call to Action on a Global Alliance to Counter Migrant Smuggling.](#)

⁵⁹ Diġà tnediet fil-Marokk, fit-Tuneżija u fl-Eġittu.

III.4. L-infurzar tal-liġi, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u s-sigurtà tal-fruntieri

Kooperazzjoni Mediterranja effettiva, ibbażata fuq id-drittijiet u integrata dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u t-tiftix u s-salvataġġ hija kruċjali biex il-fruntieri jiġu ttrasformati f'żoni aktar sikuri u gateways għall-prosperità u s-sigurtà tan-nies.

Abbażi tal-attivitajiet imwettqa bħala parti mill-**Alleanza Globali għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti**, it-tkattir tal-kollaborazzjoni u kondivizzjoni ta' informazzjoni se jkun immirat lejn approċċi armonizzati dwar is-sorveljanza tal-fruntieri u marittima, kif ukoll kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri u waqt il-kontrolli doganali. Din iż-żieda fil-kollaborazzjoni u l-kondivizzjoni tal-intelligence se ssaħħa ukoll il-koordinazzjoni fost l-atturi tal-infurzar tal-liġi fil-fruntieri biex tiġi intensifikata l-ġlieda kontra n-networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u jiġu evitati movimenti ta' individwi li x'aktarx joħlqu theddid għas-sigurtà.

Hemm fis-seħħ kooperazzjoni sostanzjali bejn l-UE u s-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran biex jittejbu l-kapaċitajiet tas-sħab biex jiġġestixxu l-fruntieri b'mod effettiv. In-natura dejjem aktar transfruntiera u globali tat-theddid għas-sigurtà aggravat minn teknoloġija li qed tevolvi malajr, titlob kooperazzjoni msaħħa u aktar effettiva. L-inizjattiva għandha l-għan li tfixxkel u tiġġieled l-attivitajiet illeċiti, tipprovdi ambjent sigur u bla perikli kif ukoll protezzjoni għall-persuni u l-oġġetti fl-Ispazju Komuni tal-Mediterran.

Fruntieri Siguri

L-inizjattiva se tistabbilixxi **approċċ komuni għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri u s-sigurtà**, b'mod partikolari permezz ta':

- **It-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u operazzjonali tal-ġestjoni tal-fruntieri** filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, permezz ta' assistenza teknika mmirata u billi jinħolqu sinerġiji ma' programmi eżistenti. Din l-assistenza se tinkludi appoġġ għal attivitajiet ta' bini ta' kapaċità u l-iżvilupp kollaborattiv ta' proċeduri operattivi standard.
- **L-għażla ta' proġetti pilota fuq skala żgħira jew medja** għall-implimentazzjoni, abbażi tal-azzjonijiet u l-iskambji ta' hawn fuq, li jista' jkollhom il-potenzjal li jevolvu fi proġetti aktar fit-tul.
- **L-allinjament tal-istandards u t-tħaffif tal-iżdoganar tal-merkanzija** permezz tad-diġitalizzazzjoni biex titnaqqas il-konġestjoni u jitqassar il-ħin tat-trasport.
- **Is-sensibilizzazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien**, bħal permezz tal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infurmazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE, li jibda bi żjarat ta' studju u skambji għal ġestjoni ta' livell medju sa għoli mill-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri.
- **It-trawwim tal-kooperazzjoni bejn il-gwardji tal-fruntiera u tal-kosta fil-Mediterran**, biex jissaħħu l-bini tal-kapaċità u l-ħiliet fl-indirizzar ta' sitwazzjonijiet marittimi billi jiġi ottimizzat l-użu tal-forum tal-Funzjonijiet tal-Gwardji tal-Kosta tal-Mediterran u mekkaniżmi u fora oħra ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Viċinat tan-Nofsinhar.
- **L-appoġġ għan-negozjar u l-implimentazzjoni ta' arranġamenti ta' ħidma** bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("il-Frontex") u l-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri tas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran.

Il-kriminalità ma għandhiex fruntieri. Huwa essenzjali li jiġi żgurat rispons kollettiv u kkoordinat għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata transnazzjonali u t-terroriżmu. Kooperazzjoni akbar fis-settur ġudizzjarja u fl-infurzar tal-liġi hija kritika biex jiġu żgurati investigazzjonijiet xierqa u l-prosekuzzjoni effettiva tal-kriminalità. Tali kooperazzjoni teħtieġ qafas solidu għall-protezzjoni tad-data personali, id-drittijiet proċedurali u l-oqfsa komprensivi tal-ġustizzja kriminali. Diġà hemm diversi azzjonijiet fis-seħħ biex jappoġġaw il-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-ġustizzja fir-reġjun. Madankollu, it-tnaqqis tad-distakk bejn il-bini tal-kapaċità, il-kollaborazzjoni u l-eżiti operazzjonali tanġibbli jibqa' sfida sinifikanti li teħtieġ aktar konverġenza tal-għanijiet. Biex dan jiġi indirizzat, il-kooperazzjoni msaħħa u l-iskambju ta' informazzjoni, għarfien espert u twissijiet bikrija bejn l-UE u s-sħab tagħna tan-Nofsinhar tal-Mediterran huma essenzjali, biex tissaħħaħ it-twejjija dwar ix-xejriet tad-droga u tissaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali kontra t-traffikar maċ-Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi - Narkotiċi.

MED-OP: Kooperazzjoni ġudizzjarja u fl-infurzar tal-liġi

L-inizjattiva se jkollha l-għan li ssaħħaħ ir-rispons kollettiv tagħna fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi

u l-kooperazzjoni ġudizzjarja. Se tippromwovi l-konverġenza tal-istandards fir-reġjun u madwaru biex tippermetti l-kooperazzjoni operazzjonali u tipprovi salvagwardji aktar b'saħħithom għaċ-ċittadini u d-drittijiet tagħhom. Dan se jinkiseb prinċipalment permezz ta':

- **L-istabbiliment ta' djalogu reġjonali dwar is-sigurtà interna** li għandu jitlaqqa' regolarment fost uffiċjali għolja tal-politika tas-sigurtà mill-Ispazju Komuni tal-Mediterran, immudellat fuq il-Kumitat Permanenti tal-UE għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna. Il-ħidma skont id-Djalogu Reġjonali għandha twassal għall-adozzjoni ta' pjan direzzjonali għall-kooperazzjoni operazzjonali f'oqsma ta' interess komuni, li ser jiġi aġġornat perijodikament.
- **L-iggwidar ta' sforzi kollaborattivi** fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu inkluż bl-appoġġ tal-Istati Membri tal-UE u l-aġenziji tal-UE, permezz ta':
 - il-promozzjoni tal-konverġenza tal-għanijiet u r-riformi ewlenin dwar il-ġustizzja u l-protezzjoni tad-data, inkluż permezz ta' assistenza teknika ddedikata;
 - l-indirizzar ta' lakuni ewlenin fit-taħriġ operazzjonali;
 - l-istabbiliment ta' djalogi regolari tal-esperti;
 - it-twettiq ta' żjarat ta' studju u l-iskjerament ta' esperti nazzjonali għal żmien qasir;
 - l-użu ta' assistenza teknika ddedikata.
- **L-appoġġ għan-negozjar u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali u arranġamenti ta' ħidma** inkluż mal-Europol, is-CEPOL, l-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

3. IMPLIMENTAZZJONI U MONITORAĠĠ

L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Patt se jiġu ssorveljati minn **struttura b'żewġ saffi, fil-livell tal-UE u fil-livell Ewro-Mediterranju.**

Fil-**livell tal-UE**, is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna se jiżguraw il-koordinazzjoni u s-sorveljanza teknika tal-implimentazzjoni tal-Patt. Kull semestru ser issir diskussjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Patt fil-**Kunsill Affarijiet Barranin (KAB)**, abbażi ta' aġġornament dwar l-implimentazzjoni pprovdut mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli. Dawn id-diskussjonijiet ser jippermettu t-tnejn tal-**laqgħa ministerjali annwali bejn l-UE u l-Viċinat tan-Nofsinhar.**

Il-Parlament Ewropew se jiġi aġġornat regolarment permezz tal-komitati rilevanti u d-delegazzjonijiet interparlamentari tiegħu. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni ser jinżammu infurmati wkoll. L-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranju se sservi bħala mezz istituzzjonali ewleni għall-kontributi reġjonali u lokali.

Fil-**livell Ewro-Mediterranju**, **grupp konġunt fil-livell ta' uffiċjali** għolja se jiltaqa' darbtejn fis-sena biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Patt permezz ta' pjan ta' azzjoni ddedikat. Il-grupp ser ilaqqa' flimkien rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u l-imsieħba tan-Nofsinhar tal-Mediterran. Il-grupp se jagħti kontribut ukoll fit-tnejn tal-**laqgħa ministerjali annwali bejn l-UE u l-Viċinat tan-Nofsinhar.** Atturi oħra, bħall-istituzzjonijiet finanzjarji nazzjonali u l-

IFIs, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, u r-rappreżentanti ta' pajjiżi u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fid-diskussjonijiet tal-grupp, fejn rilevanti.

L-inizjattivi proposti skont il-Patt se jiġu trasposti fi **pjan ta' azzjoni ddedikat**, li se jispeċifika l-pajjiżi parteċipanti u l-partijiet ikkonċernati għal kull inizjattiva. L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni se tiġi vvalutata b'mod konġunt. Dan se jkun dokument ħaj u se jiżdedu inizjattivi ġodda maż-żmien.

Il-pjan ta' azzjoni inizjali se jiġi ppreżentat fl-ewwel kwart tal-2026 mis-servizzi tal-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-grupp konġunt fil-livell tal-uffiċjali għolja u se jiġi aġġornat u rieżaminat b'mod konġunt fuq bażi kontinwa.

L-Unjoni għall-Mediterran għandha esperjenza fit-tiswir ta' networks reġionali u proġetti ewlenin. Bis-setgħa tagħha li torganizza laqgħat, l-UgħM se tappoġġa l-laqgħat konġunti tal-grupp, u se tkun ukoll sieħeb fit-tnedija tal-Patt⁶⁰, inkluż permezz tal-laqgħat ministerjali tagħha.

L-Assemblea Parlamentari taż-Żgħażaġħ għall-Mediterran se tipprovdi gwida importanti għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' inizjattivi taħt il-Patt. Bl-istess mod, **ser jiġu organizzati djalogi regolari mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**, inkluż id-dinja akkademika, ir-riċerkaturi, l-atturi soċjali, kulturali u ekonomiċi, kif ukoll il-komunità tan-negozju.

4. KONKLUŻJONI

Il-Patt qed jiġi propost għall-**approvazzjoni politika mill-UE mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran f'Novembry 2025** fl-okkażjoni tat-30 anniversarju tad-dikjarazzjoni ta' Barċellona.

Permezz tal-Patt, se nsawru l-futur konġunt tagħna fi spirtu ta' sħubija u sjieda konġunta, filwaqt li niżviluppaw Spazju Komuni tal-Mediterran aktar integrat, reżiljenti u sigur.

⁶⁰ L-UgħM żviluppat għarfien espert f'oqsma speċifiċi bħall-Edukazzjoni, l-Impjiegi u l-Iżvilupp Ekonomiku, l-Ilma, l-Ambjent u l-Ekonomija Blu; Il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-protezzjoni ċivili.